**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 49/00</u>***

***Pulizija***
***Supt.Nicholas Ciappara***
***v***
***Naser Behag u Dolores Behag***

Illum 18 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***<u>Akkuzi</u>***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputati huma bazati fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali (semplici)** tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis; u fil-konfront tal-imputat Naser Behag, ukoll ir-reat ta' **Hsara volontarja u recidivita'** – *rifferibbilment ghal-**20** ta' Lulju 99.*

***<u>Kwadru tal-fatti</u>***

Illi l-process odjern origina minn telefonata anonima mghamula fis-**19** ta' Lulju 1999, fejn persuna b' lehen ta' mara informat l-pulizija li l-imputat Naser Behag kellu d-droga fir-residenza tieghu. Il-pulizija intervjeniet immedjatament dak in-nhar stess ghal habta tas-2.30 pm. u marret fil-post indikat fejn irrizulta li tghix l-imputata Dolores Behag – li hija separata minn ma zewgha l-imputat Naser – flimkien mat-tfal taghhom. Dak il-hin l-imputat Naser inserta li kien qieghed hemm peress li dana gieghli imur jara it-tfal tieghu f''dak il-post.

Illi saret tficcija mill-pulizija fil-fond de quo, u fuq indikazzjoni mghotija lilhom mill-imputata Dolores, il-pulizija go zaqqu mimli toqob sabu bicca raza tal-cannabis f' ammont nett totali ta' 0.432 grammi. Mas-sejba l-imputat Naser beda jghajjat u jghid

li dik id-droga ma kienitx tieghu, u beda jwahhal fil-mara tieghu Dolores li kienet poggietha hemm hi bl-iskop li ggibu fl-inkwiet.  L-imputat sar vjolenti u l-pulizija kellhom ilibsulu l-manetti;  izda rizultat tas-sarar da parti tal-imputat, il-manetti li ghandhom valur ta' LM23, garrbu hsara.

Illi rrizulta wkoll li l-imputat Naser huwa recidiv in virtu' ta' diversi sentenzi.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

**Dolores Behag** – Kienet din l-imputata li cemplet lill-pulizija biex tinformahom bl-esistenza tad-droga, u di fatti kienet hi wriethom ossia tghathom indikazzjoni, fejn kienet.  Din l-imputata cahdet kategorikament u konsistentement li dik id-droga kienet taghha.

That dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ma jistax jinghad, minghajr dubbju ragjonevolil, li d-droga kienet taghha, u ghaldaqstant l-akkuza fil-konfront taghha ma tistax treggi.

**Naser Behag** – Dan l-imputat cahad *' a tempo vergine'* li dik id-droga kienet tieghu, u sostna li kienet il-mara tieghu Dolores li poggietha hemm sabiex tehles minnu peress li ghandha relazzjoni ma terza persuna.

Illi in propositu ghal din l-allegazzjoni l-Qorti hi tal-fehma li, fic-cirkostanzi li fihom jinsabu l-konjugi Behag, din l-allegazzjoni ta' dan l-imputat **tista'** tkun veritiera stante li tista' tkun verosimili.  Din il-konsiderazzjoni tikkrea dubbju ragjonevoli fil-konfront ta' dan l-imputat rigward l-esistenza tar-reat ta' Pussess Illegali tar-raza misjuba, u ghalhekk din il-parti tal-akkuza ma tistax treggi fil-konfront tieghu.

Illi rigward ir-reat ta' Hsara volontarja kommess mill-imputat Naser fuq il-manetti, il-qorti tosserva li, filwaqt li dan ir-reat jikkonfigura, l-akkuza relattiva ma tistax treggi – kif lanqas jistghu jreggu l-akkuzi kollha - stante li l-**incident kollu kien gara fis-19 tal-Lulju, u mhux fl-20 tal-Lulju kif hemm indikat fl-akkuza**.

***Konkluzjoni***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputati ma jistghux jreggu in vista tal-konsiderazzjonijiet fuq il-meritu fuq esposti, kif ukoll in vista tal-fatt li l-fatti dedotti fl-akkuzi ma sehhux fil-perijodu inkriminat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ma ssibx lill-imputati hatja skond l-akkuzi u tilliberahom minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***

.